MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 293/2006

**Il-Pulizija**

**Vs**
Sean Cini

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Gunju, 2006, ghall-habta tas-18.00 hrs, fi Triq Antonio Miruzzi, St. Venera :**
**1) saq "mini motor cycle" minghajr ma kien liebes il-"crash helmet";**
**2) saq l-imsemmi "mini motor cycle" minghajr ma kien licenzjat mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex jintuza fit-triq;**

**3) saq l-imsemmi "mini motor cycle" fit-triq minghajr ma kien kopert b' polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;**
**4) saq l-imsemmi "mini motor cycle" minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmi mutur;**
**5) b' hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Settembru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli Sec. 15(1)(a)(3), Chap. 65, L.N. 191/02, Sec. 3 Chap. 104, ma sabitx lill-appellant hati w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-19 ta' Settembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali hu illi l-Ewwel Qorti qalet li kienet ser tilliberah ghax l-identifikazzjoni bl-affidavit mhix sufficjenti. Illi dan mhux korrett ghax tali xhieda hija prova kompleta skond l-artikolu 360A(2) tal-Kodici Kriminali. Illi f' kaz li l-fatti kienu ser jigu kontestati l-akkuzat kellu d-dritt li dawn ix-xhieda jinstemghu viva voce. Illi dan m'ghamlux u l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tillibera, molto piu' meta l-istess akkuzat ikkonferma d-data tat-twelid tieghu li tikkorrobora dak li qalu l-ufficjali fl-affidavit taghhom.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda ta' Brian Farrugia, in rapprezentanza tal-Awtorita Dwar it-Trasport**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-appell odjern hu bazat fuq il-konsiderazzjoni li ghamlet l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata qalet li *"Stante li l-kawza ta' din in-natura tehtieg il-konferma tal-identita' tal-imputat quddiem il-Qorti, tqis li l-affidavit mhux sufficjenti ghal dan il-ghan."***

F' din il-kawza gew prodotti zewg affidavits ta' zewg ufficjali tal-Pulizija li fihom hemm kontenut il-konnotati shah tal-appellat kompriza d-data tat-twelid u n-numru tal-karta tal-identita' tieghu. Dawn id-dettalji l-ufficjali halfu li haduhom minnghand il-persuna li huma kienu waqqfu fit-triq issuq mini motor cycle fis-7 ta' Gunju, 2006, f' xis-6 pm fi Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera, wara li kellhom informazzjoni anonima li f' dawk l-inhawi kien hemm persuna qed issuq mini motor cycle fit-triq.

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-artikolu 360A (1) introdott ghall-ewwel darba fil-Kodici Kriminali bl-Att III tas-sena 2002, jipprovdi li, biex jigu ffrankati hela ta' hin u ta' rizorsi umani ta' ufficjali tal-Pulizija jew ufficjali pubblici ohra li jitilghu il-Qrati ghal xejn u bla bzonn, fi proceduri sommarji li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 370, il-Pulizija tista', flimkien mac-citazzjoni jew f' kull waqt li jigi wara, tinnotifika lill-akkuzat kopji ta' kull affidavit maghmul minn ufficjal pubbliku jew minn impjegat ta' korp maghqud imwaqqaf b' ligi u li ghandu jingieb bhala xhud tal-prosekuzzjoni f' dawk il-proceduri. Jekk umbaghad l-akkuzat ikun irid li jaghmel il-kontro-ezami ta' xi persuna li kellha l-affidavit taghha notifikat lilu, huwa ghandu mhux aktar tard minn hmistax il-jum qabel l-ewwel seduta javza b' dan lil Kummissarju tal-Pulizija b' ittra registrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-ezami ghandha titharrek biex tixhed fil-proceduri.**

Is-subartikolu (2) umbaghad jiddisponi li l-persuna li kellha l-affidavit taghha notifikat lill-akkuzat ma ghandhiex titharrek biex tixhed fil-proceduri jekk l-akkuzat jonqos milli jaghti l-avviz tal-hsieb tieghu li jaghmel kontro-ezami lil dik il-persuna u dak l-affidavit ghandu jkun ammissibbli bhala prova b' xiehda tal-kontenut tieghu bl-istess mod bhallikieku kien xiehda moghtija viva voce fil-prezenza tal-akkuzat.

**Issa din id-dispozizzjoni tal-ligi tispicca *"a dead letter"* kieku l-principju li enuncjat l-Ewwel Qorti kellu jinghata applikazzjoni generali w jigi applikat ghall-kazijiet kollha fejn tintuza din il-procedura. Jekk b' identifikazzjoni l-Ewwel Qorti riedet tifhem identifikazzjoni fl-awla tal-persuna li tkun qeghdha fl-izbarra, allura peress li tista' tghid fejn it-tahrika tkun inharget fuq inizjattiva ta' xi ufficjal tal-puliziuja jew impjegat ta' korp maqghud b' ligi, l-uniku xhud jew xhieda ikun jew ikunu proprju dak l-ufficjal jew ufficjali, l-applikazzjoni ta' din id-dispozizzjoni innovattiva w prattika tispicca bla effett, ghax f' kull kaz jista' jigi obbjettat mid-difiza li ma tkunx saret l-identifikazzjoni w dan inevitabbilment iwassal ghall-liberazzjoni f' kull kaz.**

**Din il-Qorti tara pero' li b' identifikazzjoni l-Qrati iridu iqiesu mhux biss dak li jsir fl-awla imma ukoll, f' dawn il-kazijiet, jekk il-persuna mharrka tkunx a tempo vergine hi stess identifikat lilha nnifisha billi tkun tat il-konnotati kollha taghha lill-ufficjal li jkun qed jixhed kontra taghha bl-affidavit. Fejn dan ikun il-kaz, kif inhu f' dan il-kaz, jaqa' fuq l-akkuzat il-piz tal-prova kuntrarja sal-grad tal-probabbli li dawk il-konnotati ikunu gew ivventati minn min ikun gie maqbud jaghmel reat u li b' kumbinazzjoini jkunu jaqblu perfettament ma dawk tal-persuna li tkun umbaghad irceviet ic-citazzjoni. Ghaliex b' hekk biss wiehed ikun jista' jispjega kif il-konnotati tal-persuna imwaqqfa mill-Pulizija ikunu jikkombacjaw ezatt ma dawk tal-persuna imharrka.**

**Issa huwa ferm u ferm improbabbli li persuna li tkun giet imwaqqfa minn xi ufficjal tal-Korp tal-Pulizija *"off the cuff"* tivventa l-konnotati akkurati ta' xi persuna ohra, bin-numru tal-identity card u data tat-twelid, paternta' w maternita w residenza. Din pero' tibqa' kwistjoni ta' fatt li min qed jiggudika irid jiddeciedi dwarha.**

**F' dan il-kaz, mill-affidavits taz-zewg ufficjali tal-Pulizija, jirrizulta b' mod inkontestat jew kontradett minn xi prova kuntrarja li l-persuna mwaqqfa minnhom tathom hi stess il-konnotati identici tal-appellat. Illi din il-Qorti tqis li din hija identifikazzjoni adegwata w sufficjenti w ma kienx hemm ghallfejn li z-zewg xhieda jitilghu jixhdu viva voce ladarba l-akkuzat ghal ragunijiet tattici difensjonali tieghu ghazel li ma jitlobx li jigu imharrka.**

**Hu minnu li kif issottometta l-abbli difensur, Dr. Toni Abela, d-difiza ghandha kull dritt li ma ssaqsix domandi biex timla lakuni fil-kaz tal-prosekuzzjoni. Konsegwentement ghandha kull dritt u mhux tenuta li taghti l-avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija li trid tikkontroezamina lix-xhud li jkun xehed b' affidavit, jekk jidhrilha li hekk ghandha taghmel fl-interess tal-klient taghha. Imma fejn, bhal ma hu dan il-kaz, mill-istess affidavit ikun gja irrizulta li l-akkuzat ikun identifika lilu nnifsu b' mod adegwat u sufficjenti max-xhud jew xhieda, allura l-akkuzat , jekk irid jikkontesta dik l-identifikazzjoni li tkun saret a tempo vergine, ikun qed jiehu riskju jekk ma jitlobx li x-xhud jew xhieda jigu imharrka ghall-kontroezami biex dik ix-xhieda taghhom pozittiva tal-identifikazzjoni tigi skossjata. Hekk sar f' dan il-kaz.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti jidhrilha li ghandha tirrevoka s-sentenza appellata minnhabba enuncjazzjoni hazina tal-ligi.**

**Pero' peress li jidher li apparti l-kwistjoni tal-identifikazzjoni jista' jkun hemm punti ohra ta' kontestazzjoni li jirrigwardaw l-allegata htija tal-**

**appellat, hu l-kaz li l-atti jerghu jintbaghtu lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jinstemgha mill-gdid u dan biex il-partijiet ma jigux privati mill-beneficcju tad-doppio esame.**

**Ghaldaqstant din il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza appellata w tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti biex terga' tisma il-kawza mill-gdid fid-dawl ta' dak fuq deciz dwar l-prova tal-identifikazzjoni w tiddeciedi l-kawza mill-gdid skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------